MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

[Nhar il-Tlieta 31 ta' Ottubru 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera
Wayne Hewitt – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippreseda l-laqgħa fis-5.45pm.

## 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

50.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri ta' apoloġija.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

50.2.1 Is-Sindku qal illi għandna nibagħtu l-kondoljanzi tagħna lill-familja ta' Daphne Caruana Galizia wara t-traġedja li ġara ġimagħtejn qabel. Il-Kunsill ikkundanna b'mos assolut dak illi ġara ġimagħtejn qabel.

50.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li bagħat emajl lil TM li l-Kunsill ma qabilx illi nzommu s-sistema ta' traffiku minn meta TM bdew ix-xogħolijiet mar-roundabout ta' Kappara [ref punt 49.2.4] peress illi bħala lokalita tlifna wisq postijiet ta' parkeġġ.

50.2.3 Il-Kunsill qabel illi għandna nibdew nuzaw it-thermoplastic minflok iz-zebgħa fejn possibli [ref punt 49.5.2]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-prodott kien inkluż fit-tender li qed ilesti għar-road markings. Żied illi avolja huma long-term u ħa parir li kien pożittiv fuq il-materjal, jista jkun illi jdub fis-sajf.

50.2.4 Il-Kunsill qabel illi nixtru litter-bin għal kull mitt metru max-Xatt, u kif ukoll fil-ġnien wara d-deċizjoni li ttieħed fuq it-tender [ref punt 49.5.2]. Il-Kunsill se jordna wkoll doggy bins skond it-tender.

**Il-kunsilliera Wayne Hewitt u Graziella Schembri daħlu għal-laqgħa fis-5.45pm**

50.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta site plan fejn qed isir it-talba għat-Tower Crane ġewwa Moroni Str. [ref punt 49.6.2]. Dan wara li tkellem mal-kuntrattur u aċċetta li għandu jħalli 3.5mtrs spazju fit-triq. Biex isir hekk, il-kunstrattur se jkollu jieħu parti mill-bankina u għandu jagħmel żebra crossing ma kull naħa tat-Tower Crane. Il-Kunsill aċċetta.

## 50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

50.3.1 Is-Sindku qal illi kellu laqgħa ma' Onor. Chris Agius fejn tah spjegazzjoni fuq id-diffikultajiet li qed insibu minħabba n-nuqqas ta' infurzar illi hawn fil-lokalita/pajjiż. Qal illi esprima x-xewqa tiegħu li jkun hemm 2 uffiċjali full-time fil-lokalita, kif ukoll illi huma l-BRO li għandom dritt iwaqqfu x-xogħol.
Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi hemm bzonn remit mill-Gvern Ċentrali biex inkunu enforcers bħala gvern lokali u li għandna jkollna dritt dwar il-permessi li joħorġu mill-PA.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se niddiskutu l-proposta tal-bye-law iżjed tard fil-laqgħa.
Is-Sindku qabel illi nkomplu naħdmu fuq il-bye-law izda mingħajr l-infurzar se nsibu ruħna bl-istess diffikultajiet.

50.3.2 Il-Kunsill ma qabilx illi nħalsu l-ammont ta' €280 għal WIFI ġol-librerija.

50.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra minn kumpanija li tħalli bins għall-ħwejjeġ biex jiġbru ħwejjeġ second hand. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi ftit xhur ilu l-Kunsill kien sab diffikultà biex insibu post għall-bin eżiżtenti li hemm ġewwa Sliema Road għax ma kienx hemm postijiet alternattivi. Il-Kunsill ma qabilx illi nġibu bins oħra peress illi m'hemmx post adattat fejn jitpoġġew.

50.3.4 Il-Kunsill approva li nagħmlu riklam fil-fuljett tal-festa għall-prezz ta' €50.

50.3.5 Il-Kunsill ġie avżat illi peress illi wieħed mill-impjegati tal-Kunsill kien ħa l-paga ta' Skala għola wara l-approvazzjoni tal-Kunsill fis-sena 2016, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħa s-somma ta' €1,300 mill-allokazzjoni tal-Kunsill sakemm il-Kunsill ma jmurx lura fuq id-deċiżjoni fejn approva li l-impjegat jitla fl-iskala.

50.3.6 Il-Kunsill irċieva lment fuq in-nuqqas ta' parkeġġ illi hemm fil-Pjazza Meme Scicluna u talba biex isiru parking spaces minflok il-bankina li hemm in-naħa l-oħra tal-PoliClinic. Il-Viċi Sindku qal illi hemm biżżejjed spazju biex isiru postijiet ta' parkeġġ minflok il-bankina fejn hemm l-istatwa. Il-kunsillier Joseph Galea spjega li l-Kunsill m'hu se jgwadanja l-ebda parking billi titneħħa l-bankina peress illi hemm bzonn 5mtrs minn kull kantuniera qabel ma ssir parkeġġ. Qal illi huwa diffiċli biex idaħħal parking fejn għandek Pjazza żgħira u sitt toroq magħha. Qal illi fil-verita hemmhekk mimlija parking għal-mod kif qegħda l-Pjazza u qal illi ħasra li nneħħu l-bankijiet illi jintużaw ta' spiss minn anzjani. Żied illi min bagħat l-ilment jista jibgħat pjanta biex nibagħtu lil TM.
Is-Sindku qal illi jaqbel illi ssir proġett fl-area u nneħħu l-gazebo li hemm u nagħmlu kollox open-air. Il-kunsillier Neville Chetcuti qabel.
Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi nressqu proposti tagħna lill-Perit.

## 50.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

50.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet mill-kunsilliera

## 50.5 Rapporti

50.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-Quarterly Financial Statements tat-tielet quarter tas-sena fejn il-Kunsill kellu surplus ta' €7,337. Il-Kunsill approva l-istatements.

50.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-evalwazzjoni tal-istima għat-tinda għal World Childrens Day fejn kien l-uniku bid kien ta' €2,200 Exc VAT. Il-Kunsill qabel illi mmexxu mal-proċedura għas-servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi se nieħdu €10,000 mill-MSDC għall-event u li €5000 diġa waslu għandna.

## 50.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

50.6.1 Bye-law dwar kostruzzjoni: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mill-aħħar laqgħa ma rċieva l-ebda suġġerimenti oħra mill-Kunsill u għamel l-ewwel draft tal-bye-law. Qal illi hemm bzonn parir

legali fuq il-kontenut u jkun hemm konsultazzjoni mar-residenti. Is-Sindku qabel illi mmexxu skond l-informazzjoni li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

50.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mas-sur Stivala rigward ix-xogħolijiet illi qegħdin isiru għall-bini tal-hotel ġewwa triq Belvedere, minħabba l-inkonvenjenzi għar-residenti. Is-sur Stivala qal illi hu konxju li kien hemm ħafna inkonvenjenzi għal min jgħix fl-area, kif ukoll illi ingħalaq it-triq kemm id-darba. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta għandu jagħlaq it-triq, għandu jinforma lill-Kunsill bħal ħaddieħor u għandu jlesti tabelli li se jkunu max-Xatt c/w Stuart u c/w Ponsomby ħalli min ikun għaddej ikun jaf illi għandu juża d-diversion routes. Se jkun hemm tabella oħra ma triq il-Flotta c/w triq Ponsonby. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lis-sur Stivala biex jimxi mal-kundizzjonijiet ħalli nirrispettaw ir-residenti u l-lokalita.

50.6.3 Is-Sindku qal illi hemm bzonn ta' żebra crossing quddiem il-Miracle Foods ġewwa Msida Road. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi għad hemm xi xogħolijiet illi għandom isiru fit-triq minn naħa ta' TM u li dax-xogħol għandu jsir flimkien max-xogħolijiet tagħhom.

50.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ta updates fuq in-nuqqas ta' dawn illi hemm ġewwa triq Bouverie u triq il-Ġnien. Qal illi EneMalta ma kienux jafu li tneħħew il-bozzoz izda qalu li hemm 2 oħra mingħajr permess ġewwa Bouverie [c/w Ġanni Bencini u c/w Flotta]. Qal illi se jintbagħtu STL forms għal dawn it-tnejn. Żied illi Milano Duo se jagħmlu dawl temporarju għan-naħa t'isfel ta Bouverie peress illi ma tistax isir bozza bħalissa, waqt illi hemm bzonn madwar 3 jew 4 ġewwa Garden Str. Se jiltaqa' mal-kuntrattur ħalli naraw kif għandna naħdmu rigward Garden Str. qabel ma nibagħtu l-formoli lil EneMalta.

50.6.5 Is-Sindku qal illi jixtieq illi nagħmlu djarji għar-residenti sal-aħħar tas-sena.

50.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta tlett BOQ's biex isiru tlett bankini fil-lokalita. Qal illi jista jkun illi nsibu diffikultajiet peress illi jekk ma jkunx hemm 1.2metri il-KNPD jistaw iwaqqfu l-applikazzjoni tagħna biex nuzaw fondi tal-UIF. Spjega li l-Kunsill jieħu l-flus mill-UIF biss wara li jonfoq il-flus u jippreżenta l-irċevuti u mhux bħal ma ħasbu l-Kunsill li huma flus fil-kontijiet tagħna.
Fuq dan il-punt il-Kunsill beda jiddiskuti proposti oħra fejn sal-laqgħa li jmiss għandom jagħtu l-proposti tagħhom rigward proġetti li jixtiequ jitwettqu fis-sena li jmiss.

**Il-kunsillier Wayne Hewitt talab illi jkun skużat fis-7.30pm.**

## 50.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

50.7.1 Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa kif tela l-ammont tal-handyman Charles Spagnol. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi kien ġie approvat fis-sena 2016 ir-rata ta' €18 exc. VAT u li jista jaħdem ma persuna oħra. Qal illi bħalissa hemm 2 impjegati. Żied illi qed isir verifikazzjoni tax-xogħol u li qegħdin jagħmlu x-xogħol sew u fl-inqas ħin possibbli. Ir-rati għoljin huma minħabba r-rata fis-siegħa li ġie approvat, u l-volum tax-xogħol/sigħat illi qed isir.

50.7.2 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti

## 50.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

50.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-7.50pm u ġiet aġġornata għal-21 ta' Novembru 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 21 ta' Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |